# FIL-QORTI KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 10 ta' Novembru 2022**

**Att t'akkuża numru 20/2021 fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Davide BONANNO**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-att ta' akkuża miġjuba fil-konfront ta' **Davide BONANNO** ta' erbgħa u erbgħin sena bin Giuseppe u Rosetta nee' Torrisi imwieled Catania, l-Italja nhar il-31 ta' Mejju 1978 u residenti 'The Residence' Flat 7, Triq Luigi Apap, San Ġiljan Malta detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AV 4943059 u l-karta tal-identita' Maltija bin-numru 184786A li ġie akkużat talli:

**<u>L-EWWEL (1) KAP</u>**
*Assoċjazzjoni għall-Bejgħ u Traffikar ta' Cannabis*

**<u>Il-fatti :</u>**

Illi nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, **Davide Bonanno** (minn hawn 'il quddiem f'dan l-Att

ta' Akkuża msejjaħ "l-akkużat") iddeċieda illi jibda **jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra sabiex jbiegħ jew jittraffika mediċina (pjanta tal-*Cannabis Grass* kollha jew biċċa minnha) ġewwa l-Gżejjer Maltin**;

Illi l-akkużat **Davide Bonanno**, ta' nazzjonalita' Taljana, kien jgħix u jaħdem Malta. Fiż-żmien li fih l-akkużat kien hawn Malta huwa ntebaħ li d-droga ġġib prezz tajjeb ħafna f'Malta, u għalhekk huwa ddeċieda li jibda negozju llegali li jħalli ferm aktar qliegħ mill-impjieg leġittimu tiegħu, u ċioe' negozju ta' bejgħ u traffikar ta' droga *Cannabis* għal ġewwa Malta. Matul l-investigazzjonijiet tal-Pulizija mmexxija mill-Ispettur Jonathan Cassar fit-2 ta' Ottubru 2018 irriżulta illi żewġ individwi ta' nazzjonalita' Taljana Danilo D'Agristina u Salvatore L'Episcopo kienu involontarjament (stante illi ma kienux konsapevoli tal-kontenut illeċitu tal-merkanzija) għenu lill-akkużat sabiex tiddaħħal merkanzija ġewwa garaxx sitwat fi Triq S. Borg Olivier, is-Siġġiewi, f'liema merkanzija li kellha s-sura ta' pallet mgezwra bi plastic iswed irriżulta li kien hemm id-droga *Cannabis;*

Illi kif se jiġi spjegat, in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan, l-akkużat assoċja ruħu ma' terzi persuni injoti sabiex ibiegħ u jittraffika d-droga *Cannabis Grass,* kollha jew biċċa minnha, u dan billi daħal fi ftiehem ma' terzi fejn permezz tiegħu assigura li d-droga *Cannabis* li kienet provenjenti minn Sqallija, tiġi mgeżwra b'tape iswed u tiġi indirizzata lil ċertu 'Giovanni Musumeci' bl-indirizz 'Triq Matthew Pulis, 24, Tas-Sliema Malta' u indikata bħala 'Merce Alimentare'. Din id-droga mgeżwra kienet permezz ta' dan il-ftiehem intiża li tkun ġewwa Trailer sabiex mal-wasla tagħha f'Malta minn Sqallija tintbgħat mill-lokalita' tas-Siggiewi għal Tas-Sliema, f'liema destinazzjoni l-akkużat kien qiegħed jistenna d-droga u eventwalment iffirma għall-merkanzija malli din waslet;

Illi b'mod tempestiv, il-Pulizija ta' Malta irċiviet informazzjoni li ġewwa Trailer bin-numru 1057, li kien proprjeta' tas-soċjeta' kummerċjali 'Agritrans Logistics Ltd' (li tispeċjalizza fi trasport) ġewwa Triq S. Borg Olivier, Siġġiewi kien hemm merkanzija li kienet tikkontjeni sustanza suspettata droga. Għaldaqstant, il-Pulizija rrikorriet fuq il-post fejn tkellmet mad-direttur tal-kumpanija tat-trasport Anthony Schembri u ġie kkonfermat li l-merkanzija in kwistjoni li kienet 'pallet' imgeżwer b'tape iswed indirizzat lil ċertu Musumeci Giovanni, Triq Matthew Pulis, 24, Tas-Sliema, Malta u indikat bħala 'Merce Alimentare' (jiġifieri merkanzija tal-prodotti tal-ikel) kienet effetivament tikkontjeni droga. Kien għalhekk li l-Pulizija kisbet l-awtorizzazzjoni mingħand il-Maġistrat tal-Għassa sabiex issir konsenja kontrollata tal-imsemmi *pallet,* liema talba ġiet milqugħa bil-preżenza tal-Pulizija. Id-Direttur tal-kumpanija Agritrans Logistics Ltd jispjega kif beda jirċievi telefonati fejn beda jintalab li tali pakkett jiġi konsenjat mill-aktar fis possibbli u għaldaqstant, Uffiċjal tal-Pulizija PC 1494 Andre' Grech rikeb mas-sid tal-vann li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Triq Matthew Pulis, Sliema fejn fuq il-lant deher persuna liebes flokk aħmar iwaqqaf l-imsemmi vann, liema persuna irriżulta li kien l-akkużat, **Davide Bonanno.** Mill-provi prodotti

jirriżulta illi l-akkużat kien l-istess persuna illi għamel l-ordni tal-merkanzija, li ffirma fuq l-istess merkanzija meta din waslet u li b'hekk ikkonferma li hu kien is-sid tal-merkanzija in kwistjoni.

Illi sussegwentement wara ġie stabbilit li din il-konsenja kontrollata kienet tikkonsisti f'madwar ħamsa u għoxrin (25) kilogrammi tas-sustanza 'Cannabis Grass'. Wara tfittxija li saret fuq il-persuna tal-akkużat, ġew elevati *mobile phone* u riċevuta tal-konsenja u dan wara li l-akkużat iffirma fuq l-merkanzija li kienet waslet fuq il-lant ċioe' fi Triq Matthew Pulis, Tas-Sliema. Jirriżulta illi l-akkużat kien qiegħed appożitament jistenna l-miġja tal-merkanzija, ossia tad-droga in kwistjoni, tant illi malli din waslet, l-akkużat iffirma fuq ir-riċevuta tal-konsenja. Għal dan il-għan, kienu saru diversi telefonati mad-Direttur tal-kumpanija Agritrans Logistic Limited sabiex din il-merkanzija tiġi konsenjata mill-aktar fis possibbli. Inoltre, mid-data estratta mit-telefon ċellulari tal-akkużat **Davide Bonanno** ġie kkonfermat illi l-istess akkużat assoċja ruħu ma' terzi persuni sabiex il-pallet kontenenti d-droga *Cannabis Grass* provenjenti minn Sqallija, l-Italja tiġi ttrafikata hawn Malta u dan bix-xjenza proprja tal-istess akkużat illi ordna l-merkanzija, stenna l-miġja tagħha fuq il-post, għaraf u waqqaf il-vann li minnha kienet qed issir il-*controlled delivery* u li fiha kien hemm il-merkanzija u finalment iffirma r-riċevuta tal-istess merkanzija;

Illi minn stħarriġ li sar mill-espert forensiku nominat mill-Maġistrat Inkwirenti irriżulta illi s-sustanza suspettata droga li kienet ġiet misjuba fil-preżenza tal-akkużat mill-Pulizija u Uffiċjali oħra kienet tikkonsisti fid-droga *"Cannabis Grass"*, u ċioe' l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, f'ammont nett totali ta' 25 kilogramm b'purita' ta' ċirka 7%;

Illi l-prezz li din id-droga ġġib fis-suq Malti skont in-*National Report on the Drug Situation in Malta 2017* huwa ta' bejn ċirka mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000) u seba' mitt elf Ewro (€700,000).

Illi d-droga *Cannabis* hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101, tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-konsegwenzi :</u>**

Illi b'għemilu, l-akkużat **Davide Bonnano** sar ħati talli nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jbiegħ jew jittraffika mediċina (pjanta tal-*Cannabis Grass* kollha jew biċċa minnha) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew ffinanzja din l-assoċjazzjoni;

**<u>L-akkuża :</u>**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar il-fuq imsemmija f'dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Davide Bonnano**, ħati talli nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, **assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew ittraffika f'dawn il-Gzejjer mediċina (pjanta tal-*Cannabis Grass* kollha jew biċċa minnha) kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.**

**<u>Il-piena mitluba :</u>**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Davide Bonnano**, u li jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ**,** 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużat.

## <u>IT-TIENI (2) KAP</u>
*Importazzjoni ta' Cannabis Grass*

**<u>Il-fatti :</u>**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmi fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, l-akkużat **Davide Bonanno, importa**

**klandestinament jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (*Cannabis Grass)* f'Malta;**

Illi, fil-fatt, in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan, l-akkużat assigura li d-droga *Cannabis* tiġi importata minn Sqallija, fl-Italja ġewwa l-gżejjer Maltin u li din tiġi mgeżwra bi plastic iswed b'karta mwaħħla bl-isem ta' 'Giovanni Musumeci Malta'. Din id-droga kellha tinġieb minn Sqallija għal ġewwa Malta mis-soċjeta' tal-ġarr tal-merkanzija Agritrans Logistics Limited, li, mingħajr ma kienet taf li kienet droga, niżżlet il-merkanzija ta' l-akkużat **Davide Bonanno** minn Sqallija għal ġewwa l-garaxx tagħha fi Triq S. Borg Olivier, is-Siġġiewi, ġewwa Trailer bin-numru 1057, sabiex imbagħad tiġi debitament konsenjata lill-istess **Davide Bonanno** fl-indirizz indikat minnu ġewwa Tas-Sliema. Kien għalhekk illi l-akkużat wara li ddeċieda li jimporta klandestinament jew ġiegħel li tiġi importata d-droga *Cannabis Grass* f'Malta, assigura li din il-merkanzija importata f'Malta minn Sqallija tiġi konsenjata fl-indirizz Triq Mattew Pulis, Tas-Sliema, Malta, f'liema destinazzjoni huwa kien qiegħed jistenna din id-droga;

Illi l-Pulizija ta' Malta kellha informazzjoni li ġewwa Trailer bin-numru 1057, proprjeta' ta' 'Agritrans Logistics Ltd' ġewwa Triq S. Borg Olivier, Siġġiewi kien hemm merkanzija li kienet tikkontjeni sustanza suspettata droga. Jirriżulta illi din id-droga kienet provenjenti minn Catania, Sqallija, u tniżżlet Malta mill-kumpanija tat-trasport imsemmija. Jirriżulta wkoll li din id-droga kienet ġiet importata ġewwa Malta fid-29 ta' Settembru 2018, voldieri jumejn biss qabel il-ġurnata li fiha ġiet eżegwita l-konsenja kontrollata tad-droga in kwistjoni. Kien għalhekk li l-Pulizija rrikorriet fuq il-post fejn tkellmet mad-Direttur tal-kumpanija u ġie kkonfermat li l-merkanzija in kwistjoni li kienet 'pallet' imgeżwer b'tape iswed indirizzat lil ċertu Musumeci Giovanni, Triq Matthew Pulis, 24, Tas-Sliema, Malta u indikat bħala 'Merce Alimentare' (jiġifieri merkanzija tal-prodotti tal-ikel) kienet effetivament tikkontjeni droga, liema merkanzija kienet ġiet iffirmata mill-akkużat;

Illi għaldaqstant, il-Pulizija kisbet l-awtorizzazzjoni mingħand il-Maġistrat tal-Għassa sabiex issir konsenja kontrollata tal-imsemmi *pallet,* liema talba ġiet milqugħa bil-preżenza tal-Pulizija. Id-Direttur tal-kumpanija beda jirċievi telefonati fejn beda jintalab li tali pakkett jiġi konsenjat mill-aktar fis possibbli u għaldaqstant, Uffiċjal tal-Pulizija **PC 1494 Andre' Grech** rikeb mas-sid tal-vann li kien miexi fid-direzzjoni ta' Triq Matthew Pulis, Sliema fejn fuq il-lant deher persuna liebes flokk aħmar iwaqqaf l-imsemmi vann, liema persuna irriżulta li kien l-akkużat, **Davide Bonanno.** Ġie stabbilit li din il-konsenja kontrollata kienet tikkonsisti f'madwar ħamsa u għoxrin (25) kilogrammi tas-sustanza 'Cannabis Grass'. Wara tfittxija li saret fuq il-persuna tal-akkużat, ġew elevati *mobile phone* żgħir iswed u riċevuta tal-konsenja;

Illi minn stħarriġ li sar mill-espert forensiku nominat mill-Maġistrat Inkwirenti irriżulta illi s-sustanza suspettata droga li kienet ġiet misjuba fil-preżenza tal-akkużat mill-Pulizija u Uffiċjali oħra kienet tikkonsisti fid-droga *"Cannabis Grass"*, u ċioe' l-

pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, f'ammont nett totali ta' 25 kilogramm b'purita' ta' ċirka 7%;

Illi l-prezz li din id-droga ġġib fis-suq Malti skont in-*National Report on the Drug Situation in Malta 2017* huwa ta' bejn ċirka mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000) u seba' mitt elf Ewro (€700,000);

Illi d-droga *cannabis* hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-akkużat **Davide Bonanno** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

**<u>Il-konsegwenzi</u> :**

Illi b'għemilu, l-akkużat **Davide Bonanno** sar ħati talli nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, importa jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata medicina perikoluza (il-pjanta Cannabis Grass kollha jew bicca minnha) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

**<u>L-akkuża</u> :**

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Davide Bonnano**, ħati talli ta' nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel din id-data, **importa jew ġiegħel li tigi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (il-pjanta Cannabis Grass kollha jew biċċa minnha) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.**

**<u>Il-piena mitluba</u> :**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Davide Bonanno,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) kull wieħed, u l-

konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkużat.

## IT-TIELET (3) KAP

*Pussess aggravat tad-droga Cannabis*

**Il-fatti :**

Illi nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-akkużat **Davide Bonanno kien fil-pussess ta' xejn anqas minn ħamsa u għoxrin (25) kilogramm tad-droga *Cannabis Grass*, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu s-sustanza perikoluża *Cannabis Grass;***

Illi, fil-fatt, in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan, l-akkużat assigura li jiġi f'pussess ta ħamsa u għoxrin (25) kilogramm tad-droga *Cannabis Grass* u dan mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu s-sustanza perikoluża *Cannabis* u dan f'ċirkostanzi li kienu jindikaw illi d-droga kienet intiża biex tiġi traffikata hawn Malta. Għal dan il-għan l-akkużat, fiż-żmien imsemmi fil-Kapi preċedenti ta' din l-Att ta' Akkuża, u ċioe' nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, assigura li d-droga in kwistjoni tiġi importata minn Sqallija, fl-Italja ġewwa l-gżejjer Maltin u assoċja ruħu ma' terzi persuni oħra sabiex d-droga tiġi mgeżwra bi plastic iswed b'karta mwaħħla bl-isem ta' 'Giovanni Musumeci Malta', liema droga mgeżwra kellha tkun mal-wasla tagħha f'Malta, mibgħuta fid-direzzjoni ta' garaxx fi Triq S. Borg Olivier, is-Siġġiewi ġewwa Trailer bin-numru 1057, proprjeta' tas-soċjeta' kummerċjali Agritrans Logistics Limited. Illi din id-droga kienet se tiġi konsenjata fl-indirizz Triq Mattew Pulis, Tas-Sliema, Malta, f'liema destinazzjoni l-akkużat stenna din id-droga u ġie fil-pussess tagħha;

Illi l-Pulizija ta' Malta kellha informazzjoni li ġewwa Trailer bin-numru 1057, proprjeta' ta' 'Agritrans Logistics Ltd' ġewwa Triq S. Borg Olivier, Siġġiewi kien hemm merkanzija li kienet tikkontjeni sustanza suspettata droga. Jirriżulta illi din id-

droga kienet provenjenti minn Catania, Sqallija, u tniżżlet Malta mill-kumpanija tat-trasport imsemmija. Jirriżulta wkoll li l-akkużat **Davide Bonanno** ġie fil-pussess tad-droga *Cannabis Grass* nhar l-1 ta' Ottubru 2018, ċioe fil-jum tal-konsenja kontrollata tad-droga in kwistjoni;

Illi kien għalhekk li l-Pulizija rrikorriet fuq il-post fejn tkellmet mad-Direttur tal-kumpanija u ġie kkonfermat li l-merkanzija in kwistjoni li kienet 'pallet' imgeżwer b'tape iswed indirizzat lil ċertu Musumeci Giovanni, Triq Matthew Pulis, 24, Tas-Sliema, Malta u indikat bħala 'Merce Alimentare' (jiġifieri merkanzija tal-prodotti tal-ikel) kienet effetivament tikkontjeni droga, liema merkanzija kienet ġiet iffirmata mill-akkużat. Għaldaqstant, il-Pulizija kisbet l-awtorizzazzjoni mingħand il-Maġistrat tal-Għassa sabiex issir konsenja kontrollata tal-imsemmi *pallet,* liema talba ġiet milqugħa bil-preżenza tal-Pulizija. Id-Direttur tal-kumpanija Agritrans Logistics Ltd jispjega kif beda jirċievi telefonati fejn beda jintalab li tali pakkett jiġi konsenjat mill-aktar fis possibbli u għaldaqstant, Uffiċjal tal-Pulizija PC 1494 Andre' Grech rikeb mas-sid tal-vann li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Triq Matthew Pulis, Sliema fejn fuq il-lant deher persuna liebes flokk aħmar iwaqqaf l-imsemmi vann, liema persuna irriżulta li kien l-akkużat, **Davide Bonanno.** Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-akkużat kien l-istess persuna illi għamel l-ordni tal-merkanzija, li ffirma fuq l-istess merkanzija meta din waslet u li b'hekk ikkonferma li hu kien is-sid tal-merkanzija in kwistjoni;

Illi sussegwentement wara ġie stabbilit li din il-konsenja kontrollata kienet tikkonsisti f'madwar ħamsa u għoxrin (25) kilogrammi tas-sustanza 'Cannabis Grass'. Wara tfittxija li saret fuq il-persuna tal-akkużat, ġew elevati *mobile phone* u riċevuta tal-konsenja u dan wara li l-akkużat iffirma fuq l-merkanzija li kienet waslet fuq il-lant ċioe' fi Triq Matthew Pulis, Tas-Sliema. Jirriżulta illi l-akkużat kien qiegħed appożitament jistenna l-miġja tal-merkanzija, ossia tad-droga in kwistjoni, tant illi malli din waslet, l-akkużat iffirma fuq ir-riċevuta tal-konsenja. Għal dan il-għan, kienu saru diversi telefonati mad-Direttur tal-kumpanija Agritrans Logistic Limited sabiex din il-merkanzija tiġi konsenjata mill-aktar fis possibbli u b'hekk l-akkużat jiġi fil-pussess tas-sustanza perikoluża *Cannabis Grass* mingħajr awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi. Inoltre, mid-data estratta mit-telefon ċellulari tal-akkużat **Davide Bonanno** ġie kkonfermat illi l-istess akkużat assoċja ruħu ma' terzi persuni sabiex il-pallet kontenenti d-droga *Cannabis Grass* provenjenti minn Sqallija, l-Italja tiġi fil-pussess tal-akkużat f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tal-akkużat u dan bix-xjenza proprja tiegħu illi ordna l-merkanzija, stenna l-miġja tagħha fuq il-post, għaraf u waqqaf il-vann li minnha kienet qed issir il-*controlled delivery* u li fiha kien hemm il-merkanzija u finalment iffirma r-riċevuta tal-istess merkanzija;

Illi minn stħarriġ li sar mill-espert forensiku nominat mill-Maġistrat Inkwirenti irriżulta illi s-sustanza suspettata droga li kienet ġiet misjuba fil-preżenza tal-akkużat mill-Pulizija u Uffiċjali oħra kienet tikkonsisti fid-droga *"Cannabis Grass"*, u ċioe' l-

pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, f'ammont nett totali ta' 25 kilogramm b'purita' ta' ċirka 7%;

Illi l-prezz li din id-droga ggib fis-suq Malti skont in-National Report on the Drug Situation in Malta 2017 huwa ta' bejn ċirka mitejn u ħamsin elf Ewro (€250,000) u seba' mitt elf Ewro (€700,000);

Illi din is-sustanza perikoluża ma kenitx intiża għall-użu personali tal-akkużat, iżda kif spjegat fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata hawn Malta. Minbarra li l-ammont ta' droga involuta u ċ-ċirkostanzi li fihom instabet ċertament li ma jindikawx li d-droga in kwistjoni kienet fil-pussess tal-akkużat għall-użu esklussiv u personali tiegħu, l-akkużat b'għemilu stess u b'*scientia propria* kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ jindikaw li din id-droga kienet intiża biex tiġi traffikata hawn Malta;

Illi d-droga *Cannabis* hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-akkużat **Davide Bonanno** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

**<u>Il-konsegwenzi</u> :**

Illi b'għemilu, l-akkużat **Davide Bonanno** sar ħati talli nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), **kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha** meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi kif sussegwentement emendati jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

**<u>L-akkuża :</u>**

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **Davide Bonanno** ħati talli fil-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), **kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha** meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ

skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi kif sussegwentement emendati jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

**<u>Il-piena mitluba :</u>**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Davide Bonanno,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) kull wieħed, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat BONANNO nhar it-23 ta' Frar 2022 fejn huwa eċċepixxa s-segwenti:

a) In-nullita` ta' l-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu l-fatt migjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fl-istess kap;

b) Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ghandhom jigi mhassra r-referenzi ghall-artikoli 8(d)(e) u 15A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-Regoli 4 u 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi mill-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu jikkontemplaw reati estranji ghal dan il-kap;

c) Ghandhom jigi mhassra r-referenzi ghall-artikolu 8(d) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 9 tar-Regoli ghall-

Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi mit-tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu jikkontemplaw reati estranji ghal dan il-kap;

d) Ghandhom jigi mhassra r-referenzi ghall-artikolu 8(e) u 15A ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 4 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi mit-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu jikkontemplaw reati estranji ghal dan il-kap;

e) L-inammissibilita` ta' dawk il-partijiet ta' l-istqarrijiet u l-istqarrijiet guramentati ta' Danilo D'Agristina u ta' Salvatore l'Episcopo kull fejn issir referenza ghall-allegata identifikazzjoni ta' l-eccipjent in kwantu tali identifikazzjoni ma saritx skond il-ligi;

f) L-inammissibilita` tax-xiehda u r-relazzjoni tal-Professur Sinagra in kwantu l-ezamijiet li saru minnu ma sarux f'laboratorju akkreditat skond il-ligi.

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għal dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari: In-nullita' tal-ewwel kap tal-att ta' akkuża in kwantu l-fatt miġjub ma jikkostitwix fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt fl-istess kap.**

4. Illi f'din l-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-akkużat qiegħed jattakka l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuża abbażi ta' dak, li din il-Qorti tifhem, li hija bażata fuq il-kunċett li jitnissel mill-kliem tal-Artikolu 449(5)(b) tal-Kodiċi Kriminali, fis-sens li l-fatti narrati fl-att tal-akkuża ma jikkostitwux ir-reat ta' assoċjazzjoni għall-bejgħ u traffikar ta' Cannabis bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Fl-ewwel kap tal-Att ta' Akkuża, l-akkużat ġie mixli bir-reat ta' assoċjazzjoni ai fini ta' bejgħ u traffikar tad-droga Cannabis u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(1)(f)(1A)(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn id-dispożizzjonijiet jaqraw hekk:

22(1) Kull min:

(f) assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni,

22(1A): L-assoċjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu preċedenti teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu.

22(1B): Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati, l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza.

6. Fl-appell kriminali superjuri deċiż fil-5 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Steven Caddick and Philip Walker** intqal:

Under our law the substantive crime of conspiracy to deal in a dangerous drug exists and is completed 'from the moment in which any mode of action whatsoever is planned or agreed upon between' two or more persons (section 22(1A) Chapter 101). Mere intention is not enough. It is necessary that the persons taking part in the conspiracy should have devised and agreed upon the means, whatever they are, for acting, and it is not required that they or any of them should have gone on to commit any further acts towards carrying out the common design. If instead of the mere agreement to deal and agreement as to the mode of action there is a commencement of the execution of the crime intended, or such crime has been accomplished, the person or persons concerned may be charged both with conspiracy and the attempted or consummated offence of dealing, with the conspirators becoming (for the purpose of the attempted or consummated offence) co-principals or accomplices. Even so, however, evidence of dealing is not necessarily going to show that there was (previously) a conspiracy, and this for a very simple reason, namely that two or more persons may contemporaneously decide to deal in drugs without there being between them any previous agreement.
……
"As pointed out by appellants, the First Court correctly stated that the three elements that had to be proved for the crime of conspiracy to result, were the agreement between two or more persons, the intention to deal in drugs and the agreed plan of action; and, as also correctly stated by the First Court, 'it is irrelevant whether that agreement was ever put into practice.

7. L-istess Qorti, fl-appell kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Ellul** deċiż fis-17 ta' Marzu, 2005 qalet hekk:

> Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa t-tieni stqarrija ta' Philip Magri u x-xiehda li ta waqt il-guri u tistqarr li minnhom ma jirrizultax li gew 'ikkumbinati jew miftehma l-mezzi' li bihom l-appellant u Magri kellhom jimxu sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina perikoluza. F'Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 naqraw: 'The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself …. The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it …. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference", deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them.'"

8. Minn dan jirriżulta li l-elementi tar-reat tal-assoċjazzjoni finalizzat għall-ispaċċ tad-droga huma s-segwenti:

(i) ftehim, tkun xi tkun il-forma tiegħu,
(ii) bejn aktar minn persuna waħda, iġifieri żewġ persuni jew iżjed,
(iii) kemm jekk ma persuni f'Malta jew barra minn Malta;
(iv) bl-iskop ta' dan il-ftehim ikun finalizzat fit-traffikar ta' droga, tkun ta' liema xorta tkun,
(v) b'mod li jiġu kumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu xi jkunu, li permezz tagħhom tiġi mibjugħa jew traffikata droga f'Malta kontra l-Liġi, jew dwar kif tiġi promossa, kostitwita, organizzata jew finanzjata tali assoċjazzjoni.

9. Minn analiżi tal-parti narrativa u akkużatorja tal-att tal-akkuża, jirriżulta li l-Avukat Ġenerali esprima l-att tal-akkuża fit-termini segwenti:

> Illi kif ser jiġi spjegat, in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan, l-akkużat assoċja ruħu ma' terzi persuni injoti sabiex ibiegħ u jittraffika d-droga Cannabis Grass, kollha jew biċċa minnha, u dan billi daħal fi ftehim ma' terzi fejn permezz tiegħu assigura li d-droga Cannabis li kienet provenjenti minn Sqallija, tiġi mgeżwra b'tape iswed u tiġi indirizzata lil ċertu 'Giovanni Musumeci' bl-indirizz 'Triq Matthew Pulis 24 Tas-Sliema Malta' u indikata bħala 'Merce Alimentare'. Din id-droga mgeżwra kienet permezz ta' dan il-ftehim intiża li tkun ġewwa Trailer sabiex mal-wasla tagħha f'Malta minn Sqallija tintbgħat mil-lokalita' tas-Siġġiewi għal Tas-Sliema, f'liema destinazzjoni l-akkużat kien qiegħed jistenna d-droga u eventwalment iffirma għall-merkanzija malli din waslet.

.../....

Id-Direttur tal-kumpanija Agritrans Loġistics Ltd jispjega kif beda jirċievi telefonati fejn beda jintalab li tali pakkett jiġi konsenjat mill-aktar fis possibbli u għaldaqstant, Uffiċjal tal-Pulizija PC 1494 Andre' Grech rikeb mas-sid tal-vann li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Triq Matthew Pulis, Sliema fejn fuq il-lant deher persuna liebes flokk aħmar iwaqqaf l-imsemmi vann, liema persuna irriżulta li kien l-akkużat, Davide Bonanno. Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-akkużat kien l-istess persuna illi għamel l-ordni tal-merkanzija, li ffirma fuq l-istess merkanzija meta din waslet u li b'hekk ikkonferma li hu kien is-sid tal-merkanzija in kwistjoni.

.../....

Wara tfittxija li saret fuq il-persuna tal-akkużat ġew elevati mobile phone u riċevuta tal-konsenja u dan wara li l-akkużat iffirma fuq il-merkanzija li kienet waslet fuq il-lant ċioe' fi Triq Matthew Pulis, Tas-Sliema .... In oltre, mid-data estratta mit-telefon ċellulari tal-akkużat Davide Bonanno ġie kkonfermat illi l-istess akkużat assoċja ruħa ma' terzi persuni sabiex il-pallet kontenenti d-droga Cannabis Grass provenjenti minn Sqallija, l-Italja tiġi traffikata hawn Malta u dan bix-xjenza proprja tal-istess akkużat li ordna l-merkanzija, stenna l-miġja tagħha fuq il-post, għaraf u waqqaf il-vann li minnha kienet qed issir il-controlled delivery u li fiha kien hemm il-merkanzija u finalment iffirma r-riċevuta tal-istess merkanzija.

10. Illi mbagħad minn qari akkurat tal-atti kumpilatorji b'mod partikolari mix-xhieda tal-Ispettur Jonathan Cassar f'foljo 59 tal-atti proċesswali, l-Ispettur Mark Anthony Mercieca f'foljo 183 tal-atti proċesswali, l-Ispettur Frank Anthony Tabone f'foljo 210 tal-atti proċesswali kif ukoll mix-xhieda tad-diversi uffiċjali tal-pulizija li kienu involuti fl-investigazzjoni tal-każ u fl-eżekuzzjoni tal-konsenja kkontrollata, u anki minn dik tal-imsemmi direttur tal-Agritrans Logistics Limited, Anthony Schembri, fost oħrajn, jirriżulta kif dawn il-fatti kif narrati mill-Avukat Ġenerali jemerġu mix-xhieda kumpilati.

11. Minn ġabra ta' dawn il-fatti kif narrati u kif riflessi wkoll fil-provi akkwiżiti jirriżulta li l-parti narrativa tinkludi fiha l-konklużjoni li l-akkużat kien parti minn ftehim, tkun xi tkun il-forma tiegħu, minn tal-anqas ma persuna oħra u li permezz tiegħu huwa kellu jkun il-persuna li tiġbor minn Triq Mattew Pulis, f'Tas-Sliema, (u effettivament ġabar u ffirma d-dokument tal-konsenja relattiv) pallet li fuqha kien hemm indikat li kienet "merce alimentare" destinata lil Musumeci Giovanni bl-indirizz 24, Triq Mattew Pulis, f'Tas-Sliema u liema pallet kienet provenjenti minn Catania, fi Sqallija fuq container

"groupage", iżda li minflok pallet iġorr oġġetti tal-ikel irriżulta li kien hemm konsenja droga cannabis.

12. Dawn ir-riżultanzi fattwali jirriflettu, fil-maġġor parti tal-każ b'mod dirett, iżda f'ċerti aspetti oħra anke indirettament, dawk l-elementi msemmija iżjed il-fuq li jsawru r-reat tal-assoċjazzjoni. In-narrattiva ta' fatti tal-Avukat Ġenerali ma jistax jingħad li titbiegħed mill-elementi sostantivi ta' dak ir-reat. Wara kollox il-Liġi ma teħtieġx li l-Avukat Ġenerali jsemmi fil-parti narrativa l-ismijiet kollha tal-konsoċjati jew li jagħti b'xi preċiżjoni l-identitajiet tal-persuni li jkunu jiffurmaw parti mill-assoċjazzjoni. Bosta drabi jiġri li l-identita ta' dawn il-persuni tibqa' mistura, jew kammuffata f'ismijiet fittizji jew laqmijiet. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li ma jkunx sar xi forma ta' ftehim bejn l-akkużat u l-persuni li jkunu assoċjati miegħu – irrispettivament mill-identita jew ismijiet tagħhom.

13. Ġaladarba fil-parti narrativa jiġu esposti dawk il-fatti li fis-sustanza tagħhom jirriflettu l-elementi tar-reat tal-assoċjazzjoni l-vot tal-liġi jkun, minn dak il-lat sodisfatt; imbagħad ikun imiss lill-ġudikanti tal-fatt matul il-kors tal-ġuri kontra l-akkużat li jiddeterminaw jekk mill-provi prodotti jirriżultawx kemm l-elementi formali u materjali tar-reat, iġifieri jekk dawk il-fatti jikkostitwux l-elementi tar-reat tal-assoċjazzjoni ai fini ta' bejgħ u traffikar tad-droga cannabis hekk kif ipprospettat f'dan l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuża.

14. **Għal dawn il-motivi, din l-ewwel eċċezzjoni preliminari sejra tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

**It-tieni eċċezzjoni: Ir-referenzi għall-Artikoli 8(d)(e) u 15A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regoli 4 u 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi mill-ewwel kap tal-att tal-akkuża in kwantu jikkontemplaw reati estranji għal dan il-kap.**

**It-tielet eċċezzjoni: Ir-referenzi għall-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi mit-tieni kap tal-att tal-akkuża in kwantu jikkontemplaw reati estranji għal dan il-kap.**

**Ir-raba' eċċezzjoni: Ir-referenzi għall-Artikoli 8(e) u 15A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi mit-tielet kap tal-att tal-akkuża in kwantu jikkontemplaw reati estranji għal dan il-kap.**

15. Illi din il-Qorti sejra tikkunsidra dawn l-eċċezzjonijiet flimkien in kwantu tqis li lkoll jolqtu l-istess punt ta' Liġi. F'dan l-istadju tal-proċeduri, ir-riferenza għal uħud minn dawn l-artikoli tista' tidher li hija superfluwa. Iżda mill-banda l-oħra, analiżi tal-każistika ta' dawn il-Qrati turi wkoll li f'diversi każijiet preċedenti, diversi Qrati – kemm in il-Qorti kif ukoll l-Qorti tal-Appell Kriminali, inkludew fis-sentenzi tagħhom l-artikoli in kwistjoni fir-rigward tar-reati li huma riflessi fil-kapi t'akkuża f'dan il-każ, anke jekk dawk l-artikoli kienu proprjament jitrattaw fatti li setgħu jikkostitwixxu reati oħra kemm jekk inklużi fil-kapi l-oħra tal-att tal-akkuża u kemm le.

16. L-Avukat Ġenerali għażel li jixli lill-akkużat bi tliet reati skont kif riflessi fit-tliet kapi separati fl-att tal-akkuża – ossija l-assoċjazzjoni, l-importazzjoni u l-pussess kwalifikat tad-droga cannabis grass. Dawk huma l-parametri akkużatorji li l-Avukat Ġenerali għażel li jiċċirkoskrivi l-azzjoni tiegħu kontra l-akkużat. Il-kwistjoni jekk hux sejjer jirnexxielu jipprova l-każ tiegħu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u b'riferenza għal liema fost dawk l-akkużi sejjer hekk jirnexxielu jikkonvinċi lil ġurija bil-ħtija tal-akkużat għad trid tiġi determinata. Żgur hu li l-akkużat ma jistax jiġi misjub ħati ta' reati li mhux diġa inklużi fl-att tal-akkuża jew f'xi forma oħra provduta fl-artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali.

17. B'rifereza għall-ewwel kap tal-att tal-akkuża, ġew inklużi wkoll l-artikoli 8(d)(e) u 15A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi. L-ewwel kap tal-att tal-akkuża jippreżenta r-reat tal-assoċjazzjoni biex ibiegħ jew jitraffika d-droga f'Malta. Dan ir-reat huwa rifless fl-artikolu 22(1)(a)(f)(1A)(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu li jikkostitwixxi r-reat ġie msemmi mill-Avukat Ġenerali fl-att tal-akkuża. Dik hija l-akkuża u ma tistax tinbidel bi ħsara għall-jeddijiet tal-akkużat. Iżda mill-banda l-oħra ma hemm xejn fil-Liġi li jimpedixxi lill-Avukat Ġenerali milli, fl-att tal-akkuża jinkludi wkoll artikoli oħra tal-Liġi li permezz tagħhom jirrifletti l-mod kif huwa jkun qiegħed jipprospetta li jkun seħħ ir-reat li bih ikun qiegħed jakkuża lill-akkużat. Hekk allura, r-reat ta' assoċjazzjoni fis-sensi tal-artikolu 22(1)(a)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta

jipprovdi li l-assoċjazzjoni trid tkun ma xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni.

18. Għalkemm ir-reat tal-assoċjazzjoni finalizzat għall-fini ta' bejgħ jew traffikar ta' droga huwa reat separat u distint mir-reat ta' traffikar ta' droga ut sic, jibqa' l-fatt li l-bejgħ jew traffikar tad-droga huwa l-għan li għalih tkun twaqfet dik l-assoċjazzjoni. F'dan il-każ, it-teżi tal-Avukat Ġenerali hija li dan l-għan tal-assoċjazzjoni kellu jitwettaq billi tiġi impurtata d-droga minn Sqallija lejn Malta u li din tasal fil-pussess tal-akkużat li mbagħad ikun jista' jiddisponi minnha skont kif kien miftiehem mal-konsoċjati tiegħu. Mela allura dan ifisser li r-riferenza għall-artikoli u regolamenti li saret – lil hinn mill-artikolu 22(1)(a)(f)(1A)(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienetx daqstant intiża li toħloq xi reat ieħor kontra l-akkużat bl-inklużjoni ta' dawk l-artikoli daqskemm tispeċifika b'mod rifless ukoll fid-disposizzjonijiet tal-liġi kemm l-għan tal-assoċjazzjoni kif ukoll dak li l-Avukat Ġenerali jippostula bħala l-modalita adoperata mill-akkużat f'dan il-każ sabiex dik l-assoċjazzjoni tkun tista' titwettaq.

19. Illi t-tieni kap tal-att tal-akkuża jippreżenta l-akkuża tal-importazzjoni tad-droga cannabis da parti tal-akkużat. Id-Difiża tipprotesta l-fatt li f'dan il-kap tal-att tal-akkuża l-Avukat Ġenerali inkluda wkoll l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi. F'dan il-każ ir-reat li bih l-akkużat jinsab mixli f'dan it-tieni kap tal-att tal-akkuża huwa r-reat tal-importazzjoni tal-ħaxix tal-cannabis. Fil-fatt l-Avukat Ġenerali għażel li jinkludi wkoll l-artikolu 15A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema artikolu huwa dak li joħloq ir-reat flimkien mal-artikolu 22(1)(a) tal-istess Kapitolu. Iżda għal darb'oħra l-modalita ta' din l-importazzjoni kif prospettata mill-Avukat Ġenerali hija billi l-akkużat jassumi l-pussess tal-istess droga minn Sqallija sal-wasla tagħha f'Malta – għal bidu b'mod kostruttiv iżda wara b'mod materjali. It-teżi tal-Avukat Ġenerali fir-rigward tar-reat tal-importazzjoni tad-droga da parti tal-akkużat għalhekk ma kienetx biss ristretta għall-ipoteżi li ġiegħel li tinġieb f'Malta din id-droga – u b'hekk f'kuntest li ma kienx neċessarjament ikollu kuntatt dirett u personali ma din id-droga b'mod li setgħet qatt ma kienet fil-pussess materjali tiegħu, iżda wkoll li l-akkużat effettivament ġab dik id-droga f'Malta b'mod li meta importa din id-droga f'Malta huwa ħa anke l-pussess materjali tagħha. B'hekk dan l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolament 9 tar-Regoli għall-Kontroll

Intern fuq id-Drogi Perikolużi, għalkemm jistgħu jidhru superfluwi għad-Difiża, mill-banda l-oħra huma intiżi biex jispeċifikaw aħjar parti mill-modalita ta' kif l-Avukat Ġenerali qiegħed jipprospetta li twettaq ir-reat tal-importazzjoni ta' dik id-droga ħaxixa tal-cannabis f'Malta f'dan il-każ.

20. Fit-tielet kap tal-att tal-akkuża l-Avukat Ġenerali qiegħed jakkuża lill-akkużat li huwa ġie fil-pussess tad-droga ħaxixa tal-cannabis taħt tali ċirkostanzi li juru li din id-droga ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu. F'dan is-sens għalhekk l-Avukat Ġenerali inkluda wkoll l-artikoli 8(d)(e), 9, 10(1), 15A, 20, 22(1)(a), 22A, 24A u 26 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tar-regolamenti 4 u 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, iżda d-Difiża sabet oġġezzjoni fil-fatt li l-Avukat Ġenerali inkluda f'dan il-kap tal-att tal-akkuża l-artikoli 8(e) u 15A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta nonche r-regolament 4 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi. L-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ġie inidkat mill-Avukat Ġenerali u dan huwa l-artikolu li jikkostitwixxi r-reat. Iżda l-kumplament tal-artikoli msemmija mill-Avukat Ġenerali jridu wkoll jinqraw fil-kuntest sħiħ li fih qiegħed jallega li sar dan ir-reat ta' pussess kwalifikat tad-droga ħaxixa tal-cannabis. L-Avukat Ġenerali jimxi fuq it-teżi li l-akkużat spiċċa fil-pussess kwalifikat ta' din id-droga ħaxixa tal-cannabis wara li kien importa din il-konsenja ħaxixa tal-cannabis u kien għamel dan wara li kien assoċja ruħu ma terzi persuni f'Malta jew barra minn Malta biex tiġi impurtata din il-konsenja ħaxixa tal-cannabis f'Malta bil-għan li tiġi traffikata f'Malta. Huwa għalhekk li biex jispeċifika dan l-Avukat Ġenerali inkluda fl-att tal-akkuża wkoll l-artikoli 8(e) u 15A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta nonche r-regolament 4 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi mhux daqstant sabiex joħloq reati oħra iżda sabiex jispjega aħjar l-għan u modalita ta' kif huwa ġie fil-pussess kwalifikat ta' dik id-droga ħaxixa tal-cannabis. Dan meta jitqies anke l-fatt li minkejja li f'dan il-każ l-akkużat mhux akkużat bit-traffikar tal-ħaxixa tal-cannabis l-Avukat Ġenerali xorta waħda qiegħed jimxi fuq it-teżi li din il-konsenja ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu u għalhekk l-għan wara l-assoċjazzjoni tiegħu ma terzi kienet li din il-konsenja tiġi traffikata f'Malta u b'hekk huwa importaha u ġie fil-pussess tagħha.

21. Anke jekk l-Avukat Ġenerali wara li kiteb l-att tal-akkuża jidher li setgħa kellu xi ripensament, jibqa' l-fatt li wara li qieset li l-inklużjoni ta' dawk l-artikoli imsemmija iżjed il-fuq bosta drabi jsibu wkoll riskontru fil-każistika u ġaladarba l-parametri tal-akkużi huma ċari kristall skont kif jirriżultaw mill-kapi tal-akkuża rispettivi, meta jiġu

moqrija mill-lenti spjegata iżjed il-fuq, din il-Qorti ma tqisx li għandha, almenu f'dan l-istadju, testrometti mill-att tal-akkuża tal-Avukat Ġenerali l-artikoli tal-Liġi li ġew kontestati mid-Difiża; salv li xejn ma jimpedixxi lil din il-Qorti li tagħmel dak l-eżerċizzju li jkun jidhrilha meħtieġ fis-sentenza finali tagħha skont dak li jirriżulta fl-eżitu tal-ġuri, jekk u meta eventwalment ikun il-każ.

22. **Għalhekk it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet sejrin jiġu miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

**Il-ħames eċċezzjoni preliminari: L-inammissibilita' ta' dawk il-partijiet tal-istqarrijiet u l-istqarrijiet ġuramentati ta' Danilo D'Agristina u ta' Salvatore L'Episcopo kull fejn issir referenza għall-allegata identifikazzjoni tal-eċċipjent in kwantu tali identifikazzjoni ma saritx skont il-Liġi.**

23. Illi f'din il-ħames eċċezzjoni preliminari tiegħu, l-akkużat jattakka l-ammissibilita' ta' dawk il-partijiet tal-istqarrijiet irrilaxxjati minn D'Agristina u L'Episcopo għaliex skont hu l-identifikazzjoni tal-akkużat ma saritx skont il-Liġi. Din il-Qorti tqis bħala inammissibbli **biss** dak kollu li l-Liġi stess trid li ma tistax tinġieb bħala prova fil-proċeduri kontra l-ġudikabbli.

24. Dwar il-materja ta' identifikazzjoni ta' persuna, ssir referenza għall-appell kriminali superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Zerafa** deċiż fil-15 ta' Settembru 2016 fejn l-akkużat ilmenta dwar il-mod kif kienet saret il-proċedura tal-identifikazzjoni minn mart il-vittma u bħal fil-każ in diżamina, saret referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 74[1] tal-Att dwar il-Pulizija, Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta:

> 30. L-artikolu 74 tal-Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta ġie introdott bl-Att XIII tas-sena 2002. Is-subartikolu (1) tiegħu jipprovdi li meta uffiċjal investigatur ikun jixtieq jagħmel xi parata tal-identità jew identifikazzjoni ta' oġġetti, dawn għandhom isiru minn Maġistrat li għandu jieħu dawk il-passi li jkunu jiżguraw li ma jkun hemm ebda suġġeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjaħ biex tagħraf lill-persuna jew l-oġġett. Is-subartikolu (2) jipprovdi li l-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-għemil ta' parata ta' identifikazzjoni. Tali regolamenti ma sarux, u għalhekk tajjeb li ssir referenza għal dak li qalet din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni

[1] Illum l-Artikolu 63(1) tal-Kapitolu 164 kif sussegwentement emendat.

inferjuri tagħha fis-sentenza **Il-Pulizija v. Stephen Zammit** mogħtija fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235):

"Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-Code of Practice D taht il-Police and Criminal Evidence Act, 1984. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, 'only one witness shall be shown photographs at any one time' (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal identification parades dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:

"'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life …' (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);

"Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza **Sharrett vs Gill** (1993) 65 A Crim R. 44:

"'… I am unaware of any authority in this country or elsewhere … that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings … and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';

“Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' **Turnbull** (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

“'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.

“ Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? …

“Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.

“ All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)’’

25. Minn dawn l-insenjamenti ġurisprudenzjali din il-Qorti għalhekk tislet li l-Artikolu 63(1) tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta’ Malta jipprovdi għall-preżenza ta’ Maġistrat fejn Uffiċjal Investigatur ikun jixtieq li jagħmel parata ta’ identifikazzjoni u dan sabiex ikun assigurat li fl-identifikazzjoni ma jkun sar l-ebda suġġeriment u ma jkun hemm l-ebda influwenza esterna. Madanakollu minn imkien fil-Liġi ma hemm regola ta’ kif għandha ssir din il-parata ta’ identifikazzjoni u in linja mal-kawża **Stephen Zammit**, għandhom jipprevalu allura regoli dettati mill-bwon sens fosthom li fil-line up tal-persuni jitpoġġew ħdejn xulxin persuni bl-istess karatteristiċi tas-suspettat u dan sabiex ma tkunx ġiet iffaċilitata l-identifikazzjoni tiegħu. Jingħad ukoll iżda li n-nuqqas ta’ osservanza ta’ dawn ir-regoli ma jammontax għal ksur tal-Liġi iżda jkun jolqot biss l-attendibilita’ tal-parata tal-identifikazzjoni.

26. Każ ieħor deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali kolleġjalment komposta kien **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ronald Azzopardi** deċiż nhar id-29 ta' Mejju 2019. F'dan il-każ ġie superjorment ritenut is-segwenti:

> **46**. Illi nhar it-8 ta' Lulju 2014 din l-Qorti (diversament komposta) kienet laqgħet it-talba tad-difiża sabiex jixhed ix-xhud Joseph Grima mill-gdid iżda dan "unikament għall-konservazzjoni tal-provi" u mhux bhala prova gdida fit-termini tal-Artikolu 506 u 508 tal-Kodiċi Kriminali. Fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti, Grima jispjega kif madwar ġimgħa wara l-inċident tat-18 ta' Ġunju 2005, u ċioe filwaqt li martu kienet għadha l-isptar tieħu l-kura għall-ġrieħi sofferti minnha mill-ispluzjoni, kienet avviċinatu Maryrose Cassar, fejn talbitu jmur sad-dar ta' ommha li tirrisjedi qrib id-dar tiegħu fiż-Żejtun bil-ghan li turih registrazzjoni fuq *video casette* ta' festin tal-familja fejn, skont dak li xehed Grima, Cassar kienet qaltlu li f'dan il-filmat kien jidher Ronnie Azzopardi. Ix-xhud izda jispjega illi ghalkemm gie muri dawn l-immagini huwa xorta wahda ma gharaf l-ebda persuni. Fil-fatt ighid illi huwa qatt ma xehed dwar dan l-episodju billi ghalih ma kien ta' l-ebda importanza.
>
> **47**. Wara dan l-episodju, u madwar xahrejn wara l-akkadut, kienet inżammet *identification parade* fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn, fost il-persuni skjerati fil-*line-up,* kien hemm l-appellant, fejn Grima kien identifika lil Azzopardi bħala dik il-persuna li kienet tixbah lil dak li kien lemah minn fuq il-bejt tiegħu iqieghed il-basket bil-bomba mal-vettura ta' Cassar, u dan mill-ghamla tieghu billi hu qatt ma ra wiccu.
>
> **48**. Illi jibda biex jinghad illi Joseph Grima ma kienx semma dan l-avveniment lill-ebda persuna nvoluta fl-investigazzjonijiet jew fl-*in genere*, kif lanqas semma dan l-episodju meta xehed fil-kumpilazzjoni u fil-guri. Jirriżulta izda, mid-deposizzjoni tieghu, illi meta muri il-filmat minn Cassar ighid li ma gharafx lill-appellant ghalkemm gie indikat lilu u li meta saret l-*identification parade* huwa gharrfu l-aktar mis-sura tiegħu izda mhux mill-fattizi ta' wiċċu. Din dejjem kienet il-verzjoni tieghu. Maghdud dan madanakollu, u ghalkemm kien ikun desiderabbli li kieku Grima kien informa lill-pulizija b'dan l-avveniment, huwa baqa' jisħaq li identifika lil Ronnie Azzopardi ghaliex il-bniedem li ra kellu '*l-istess għamla ta' li raw għajnejja minn fuq il-bejt*' u mhux ghax kien qed igharrfu minn wiccu.
>
> **49**. Issa, sfortunatament, il-ligi taghna ma tirregolax il-mod kif ghandha issir *identification parade* ghajr ghall-fatt illi din trid issir quddiem Magistrat u dan kif stabbilit fl-Artikolu 74 tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-ligi Ingliza tirregola l-modalitajiet ta' kif ghandha issir din il-parata b'mod dettaljat tant illi sahansitra l-persuna suspettata fil-presenza ta' l-avukat taghha ghandha tinghata dettalji dwar id-deskrizzjoni li x-xhud okulari jkun ghadda lill-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjonijiet[12]. Fost dawn ir-regolamenti l-artikolu 14 jispecifika illi:
>
> ***"Appropriate arrangements must be made to make sure, before witnesses attend the identification parade, they are not able to: (i) communicate with each other about the case or overhear a witness who has already seen the identification parade; (ii) see any member of the identification parade; (iii) see, or be reminded of, any photograph or description of the suspect or be given any other indication as to the suspect's identity; or (iv) see the suspect before or after the identification parade"***

**50**. L-iskop wara dawn ir-regolamenti huwa car. L-identifikazzjoni ma ghandha tkun mittiefsa bl-ebda mod minn xi influwenza barranija izda ghandha tkun biss ir-rizultat ta' dak illi x-xhud ikun osserva b'ghajnejh. Dan ma jfissirx necessarjament izda li dik l-identifikazzjoni li tkun hekk saret minn persuna li setghet giet suggestjonata hija wahda inattendibbli u allura inammissibbli bhala prova. Il-ligi taghna ma tirregolax kwistjonijiet bhal dawn, biex b'hekk l-unika regola li ghandha thares il-Qorti meta tigi biex tqis jekk dik il-parata tkunx wahda regolari u allura jekk l-identifikazzjoni hija tali li l-gurati setghu jistriehu fuqha, kif diversi drabi ribadit fil-gurisprudenza, hija li tara jekk ittiehdux il-prekawzjonijiet kollha sabiex jigi evitat li issir "*a miscarriage of justice*".

**"Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat fuq kollox li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court**
**of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs Gill (1993) 65 A Crim R. 44)**

**'*I am unaware of any authority in this country or elsewhere that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition*[13]'**

**51**. Premessi dawn il-linji gwida gurisprudenzjali, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma tista' ssib ebda *miscarriage of justice* bl-identifikazzjoni li saret minn Grima tal-persuna tal-appellant, ghaliex mhux biss ix-xhud ighid illi huwa gharaf lill-malvivent li qieghed il-bomba mis-sura tieghu biss u mhux minn wiccu, izda ukoll ghaliex il-gurati inghataw direzzjoni mill-Imhallef li ppresjeda il-guri dwar kif kellhom jaghmlu evalwazzjoni tal-provi li kellhom quddiemhom inkluz ukoll tal-identifikazzjonijiet li saru. Fuq kollox l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali jindika l-linji gwida ta' kif ghandha titqies il-prova ta' l-identifikazzjoni :

**"Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta' oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost persuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja."**

**"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola**

**ruhha skont il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti. Meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati .... Dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni."[14] (sottolinjar tal-Qorti)**

**52**. Illi allura ma kien hemm xejn irregolari fl-identifikazzjoni maghmula mix-xhud Joseph Grima meta jindika illi huwa gharaf lill-appellant mis-sura u statura tieghu iktar milli minn wiccu ghalkemm kien gie muri l-immagini tieghu minn Mary Rose Cassar qabel ma saret l-*identification parade* mill-Inkwirenti, tant illi x-xhud jibqa' jishaq illi huwa ma giex suggestjonat minn din l-immagini. Grima jerga' mbaghad jidentifika lill-appellant fil-Qorti matul id-deposizzjoni tieghu, tant illi ghalhekk ghalkemm din il-prova ma kenitx wahda konklussiva imma setghet tittiehed bhala indikattiva flimkien mal-assjem tal-provi kollha tal-involviment tal-appellant fil-kummissjoni tar-reat.

27. Din is-sentenza turi wkoll kif il-Qorti tal-Appell Kriminali kolleġjalment komposta baqgħet magħquda mal-linja li kienet ittieħdet anke iżjed ferm qabel din il-kawża. Hekk fl-appell kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Pace** deċiż nhar is-7 ta' Novembru 2002 ġie ritenut is-segwenti:

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant, u forsi dak principali, huwa bazat fuq il-kwistjoni delikata ta' l-identifikazzjoni ta' l-appellant b'dan li dak li l-appellant qieghed jattakka hija lprocedura adottata mill-pulizija biex issir identification parade.
Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) filkawza Il-Pulizija vs Stephen Zammit deciza fil-15 ta'Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235), "il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg". Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:
"Biex issir il-prova ta' l-identita' ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik ilpersuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".
Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet:
"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla filgudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz.

Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal ,per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li lidentifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li lgudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-Code of Practice D taht il-Police and Criminal Evidence Act, 1984. S'intendi dawn irregoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' lidentifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn irregoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, 'only one witness shall be shown photographs at any one time' (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal identification parades dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:

'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life 2' (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);

Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' lidentifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs Gill (1993) 65 A Crim R. 44:

'I am unaware of any authority in this country or elsewhere 2 that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings 2 and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations.

The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';

Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' veramentr tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' Turnbull (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.

Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)".

Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar moghtija fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868),"skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta' l-akkuzat mhux necessarja identification parade". Hija qalet:

"Dan il-punt gie ttrattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) per W. Harding fil-kawza 'Il-Pulizija vs Leading Steward Victor Dalmas' deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: 'Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, piu' o meno ta' l-istess eta' u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom';

M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ in R. vs Parks ((1961) I.W.L.R. 1484) 'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice' u certament din ilpreokkupazzjoni urietha diga' din il-Qorti fis-sentenza taghha in re Il-Maesta' Taghha r-Regina vs Joseph Hallet moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati miscarriages of justice'".

Fil-kaz in dizamina l-appellant jippretendi li l-prova ta' lidentification parade kellha tigi skartata kompletament. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha processwali, inkluzi d-depozizzjoniiet tax-xhieda, id-dokumenti esebiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri. Minn dak li rrizultalha m'hemm l-ebda dubju li l-prekawzjonijiet li Ipulizija kellha tiehu biex jigu osservati dawk il-kriterji hawn fuq imsemmija ghall-identification parade li saret u li fiha kien inkluz l-appellant ma ttihdux. Harsa lejn ir-ritratti ta' din l-identification parade (Dok. CM1 esebiti mill-Ispettur Carmelo Magri fit-18 ta' Dicembru 1998 fl-atti talkumpilazzjoni) turi li l-persuni l-ohra nkluzi f'din il-parade kienu differenti ferm fil-fizjonomija taghhom mill-appellant, u dan apparti l-fatt li kollha, ghajr l-appellant, kienu membri fil-korp tal-pulizija meta l-identifikazzjoni kienet qed issir minn membru tal-korp, u cioe` P.C. 1594 Brian Caruana. Dan pero` ma jfissirx li l-identification parade in kwistjoni tista' tigi dikjarata bhala "illegali" stante li m'hemm l-ebda ligi li tirregola din il-procedura. Ifisser biss li l-procedura li ntuzat tinficja fuq l-attendibilita` ta' din ilprova mehuda wahedha. U dan kollu gie spjegat tajjeb lillgurati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu. Huwa spjega f'dawn it-termini:

"Il-kritika tad-difiza - u kienet kritika gusta I kienet il-mod u l-metodu ta' kif saret l-identification parade - fejn inti ghandek persuna li suppost ser taghraf lil xi hadd, u din tigi murija tmienja min-nies - fosthom wiehed biss biddaqna, b'sinjal evidenti allura tikkorrobora jew taqbel maddeskrizzjoni li kien ta qabel il-P.C. Caruana - u dan jaghraf lil din il-persuna; ma kellux xelta ohra dan hlief li jaghraf lil dik il-persuna - pero` ftakru li dejjem qabel kien gharfu mir-ritratti. Ghal dik li hija metodu ta' identification parade, jista' jaghti l-kaz, kif qal Dr. Farrugia, ma gewx segwiti certu I guidelines. Pero` mill-banda l-ohra tridu tkunu tafu sinjuri gurati li hawn Malta ma hemm ebda ligi, ma hemm ebda regoli li ghandhom forza ta' ligi, kif jew meta ghandha ssir identification paradeI. Illum il-pulizija ghandhom f'idejhom certu guidelines mahrugin millpulizija stess I fejn preferibilment meta ssir identification parade dawk il-guidelines ghandhom jigu segwiti – per ezempju ghandek jekk inti ser taghmel line-up ta' nies, kemm jista' jkun dawk in-nies ghandhom ikunu jixxiebhu kemm minn dik li hija statura, xebh, apparenza, ecc. Guidelines li wara kollox johorgu mis-sens komun Ijigifieri mhijiex haga tajba illi f'identification parade ssir xi haga illi dak li jkun kwazi qed tissuggerilu kif ghandu jirrispondi I. Allura dawn il-guidelines qeghdin hemm sinjuri gurati biex preferibilment jigu segwiti u allura ma jinholoqx dawn ic-certu kritiki li smajna llum - pero` l-kritika tieghu kienet fl-opinjoni tieghi

wahda gusta ghax very f'dan il-kaz il-metodu tal-identification parade forsi kienet daqsxejn nieqsa minn dak li suppost wiehed kellu jippretendi, pero` l-kwistjoni ma tiqafx hemm sinjuri gurati. Diga` ghidtilkom li ma tezisti ebda ligi f'Malta li timponi kif jew meta ghandha ssir l-identification parade - u jekk I.D. parade ma ssirx jew jekk I.D. parade ma ssirx skond ilkriterju li hemm, bhalma hija forsi fil-kaz tallum, ma jfissirx li forsi dik l-I.D. parade hija illegali, hazina, ma tistax toqghod fuqha, jekk toqoghdx fuqha jew le dika mbaghad intom araw - intom araw - ikkritikaw, intom ser taraw jekk dik l-identification parade bhala prova twassalkomx x'imkien, mhux hix nulla jew illegali jew hazina, jekk dik l-I.D. parade twassalkomx x'imkien. Pero` nerga' nghid ma tistghux intom tikkonsidraw il-prova tal-identification parade wahedha hekk minghajr ma tikkonsidraw cirkostanzi u provi ohra - bhac-cirkostanzi li semmejt qabel tar-ritratti. Jekk l ghall-grazzja ta' l-argument ilprovi tal-prosekuzzjoni kienu limitati biss jew huma bbazati biss fuq din l-identification parade allura hemm hekk intom tridu taraw dik l-identification parade wahedha sa fejn tista' twassal - pero` jekk minbarra din lidentification parade hemm provi ohra, diretti, indiretti, allura tridu tikkonsidrawha flimkien mal-provi l-ohra; jekk intomx ser taccettawha bhala prova li twassal x'imkien dik hija haga f'idejkom. Imma anke jekk ghall-grazzja ta' largument taqblu mad-difiza li dik l-identification parade ma tistax tistrieh fuqha bhala prova, ma tiqfux hemm sinjuri gurati, araw il-provi l-ohra".
In effetti l-identification parade ma kenitx l-unika prova dwar identifikazzjoni, kif donnu jrid jaghti x'jifhem lappellant fir-rikors ta' appell tieghu. Difatti l-identification parade ma kenitx l-ewwel stadju fil-process ta' identifikazzjoni. Jirrizulta li P.C. 1594 Brian Caruana, ixxhud principali tal-prosekuzzjoni, kien diga` identifika lillakkuzat minn fuq ritratti wara li kien gie muri ktieb kontenenti numru kbir ta' ritratti ta' diversi persuni li jkunu gew investigati mill-pulizija. L-identification parade saret wara li l-appellant gie arrestat in segwitu ghallidentifikazzjoni li ghamel l-istess P.C. 1594 Brian Caruana minn fuq ir-ritratti. Dwar din l-identifikazzjoni a bazi tarritratti l-appellant ma jghid xejn fir-rikors ta' appell tieghu.

28. Issa fil-kawża in diżamina, jirriżulta li nhar it-2 ta’ Ottubru 2018 ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija saret seduta quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Dr. Rachel Montebello fejn lil Danilo D’Agristina nqratlu l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja mal-Pulizija u ġiet murija lilu wkoll ‘photo spread’ b’sitt min-nies minn liema huwa kien identifika lin-numru tnejn bħala ‘Ettore’ nonche’ dik il-persuna li mill-atti kumpilatorji jirriżulta li kien fuq il-post liebes flokk aħmar u li ried li jqandel il-pedana li fuqha kien hemm xi oġġetti li kienu ħfief. F’paġna numru 27 tal-atti proċesswali, il-Maġistrat Inkwirenti għamlitlu wkoll mistoqsijiet b’rabta ma’ din l-identifikazzjoni minnu magħmula u huwa reġa’ kkonferma li dik il-persuna li kienet liebsa l-aħmar u li kienet talbitu l-għinuna bil-pallet kienet in-numru tnejn. L-istess proċess sar fil-konfront ta’ Salvatore L’Episcopo fejn f’foljo 44 tal-atti proċesswali jirriżulta li kkonferma l-identita’ tan-numru tlieta bħala dik

il-persuna ‘dak li kien filgħodu hemmhekk’ cjoe’ għal Ettore u din l-identifikazzjoni ġiet ikkonfermata għal darba oħra quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Dan il-metodu ta’ identifikazzjoni ta’ dan it-tali “Ettore” saret in bażi għal sett ta’ ritratti li huma indikati fil-proċess.

29. Issa l-kwistjoni jekk dan “Ettore” li jgħidu li raw D’Agristina u L’Episcopo kienx l-istess persuna tal-akkużat hi kwistjoni ta’ fatt li trid tiġi mħollija f’idejn l-imħallfin tal-fatt fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Jingħad ukoll li matul l-istadju tal-kompilazzjoni, matul is-seduta tal- kemm L’Episcopo a fol 116 kif ukoll D’Agristina a fol 103, reġgħu identifikaw lill-akkużat fl-awla bħala dik il-persuna li dakinhar tal-inċident meta huma ġew arresatati wara li għenuh iġorr il-pellet bil-“merkanzija” fuqu u li kien liebes *maglietta rossa* u li kienet semmitilhom l-isem “Ettore”.

30. **Għaldaqstant din il-ħames eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

**Is-sitt eċċezzjoni preliminari: L-inammissibilita’ tax-xhieda u r-relazzjoni tal-Professur Sinagra in kwantu l-eżamijiet li saru minnu ma sarux f’laboratorju akkreditat skont il-liġi.**

31. Illi f’din is-sitt u l-aħħar eċċezzjoni preliminari, l-akkużat qiegħed jattakka l-ammissibilita’ tax-xhieda u tar-relazzjoni tal-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti l-Professur Emanuel Sinagra u dan għaliex skont l-akkużat it-testijiet li dan tal-aħħar għamel fuq is-sustanza illeċita ma sarux f’laboratorju akkreditat skont il-liġi. Din l-eċċezzjoni l-akkużat qiegħed jibbażaha fuq dak li tippreskrivi, skont hu, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 liema strument tal-Liġi daħal fil-Liġi nostrana nhar id-29 ta’ Marzu 2016 sabiex jirrifletti l-istandards proposti mill-Kunsill Ewropew fid-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/JHA (iktar ‘il quddiem imsejħa ‘Deċiżjoni Kwadru’). Din il-Qorti tirribadixxi li tqis bħala inammissibbli <u>**biss**</u> dak kollu li l-Liġi stess trid li ma tistax tinġieb bħala prova fil-proċeduri kontra l-ġudikabbli.

32. Illi din id-Deċiżjoni Kwadru għandha bħal skop dik li tikkrea armonizzazzjoni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja għal dak li għandu x’jaqsam l-analiżi f’laboratorju ta’ evidenza forensika b’mod

tali li r-riżultanzi forensiċi li jsiru f'laboratorju ta' Stat Membru jkunu jistgħu jiġu utilizzati bħala prova sikura u valida fi proċeduri penali f'kull Stat Membru ieħor u dan l-istandard ikun jintlaħaq permezz tal-akkreditazzjoni tal-laboratorji skont l-istandard EN ISO/IEC 17025.[2]

33. Iżda l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru, jirrestrinġi l-iskop, ossija l-kamp tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru għal dik l-evidenza forensika li taqa' f'waħda miż-żewġ kategoriji imsemmija f'dak l-artikolu:

> Artikolu 2
>
> Kamp ta' applikazzjoni
>
> Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika għall-attivitajiet tallaboratorji li jirriżultaw fi:
>
> (a) profil tad-DNA; u
> (b) data dattiloskopika. [3]

34. In oltre, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru jispeċifika dak li għandu jinftiehem bi profil tad-DNA[4] kif ukoll data dattiloskopika.[5] Dawn id-definizzjonijiet ma jinkludux fihom sustanzi illeċiti jew traċċi tagħhom. Għalkemm fid-definizzjoni tal-kunċetti l-iżjed fundamentali msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru "attivita tal-laboratorji", "riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji" u "fornitur ta' servizzi forensiċi"[6]

---

[2] L-artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru jgħid hekk:

> *Artikolu 1*
>
> **Għan**
>
> 1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas huwa li jiġi żgurat li rriżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati għall-EN ISO/IEC 17025 fi ħdan kwalunkwe Stat Membru ieħor.
> 2. Dan l-għan jinkiseb billi jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jiġu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.

[3] Dan ir-regolament huwa rifless fir-Regolament numru 3 tal-L.S. 460.31

[4] "profil tad-DNA" tfisser kodiċi b'ittri jew b'ċifri li jirrappreżenta sett ta' karatteristiċi ta' identifikazzjoni tal-parti nonkodifikanti ta' kampjun analizzat ta' DNA uman, jiġifieri listruttura molekulari partikolari fid-diversi pożizzjonijiet (loci) tad-DNA;

[5] "data dattiloskopika" tfisser immaġini ta' marki tas-swaba', immaġini ta' marki tas-swaba' moħbijin, marki tal-pala talid, marki tal-pala tal-id moħbijin u mudelli ta' tali immaġni (dettalji żgħar kodifikati).

[6] (a) "attività tal-laboratorji" tfisser kwalunkwe miżura li tittieħed f'laboratorju meta traċċi fuq oġġetti jkunu qed jiġu lokalizzati u rkuprati, kif ukoll meta tiġi żviluppata, analizzata u interpretata evidenza forensika, bil-ħsieb li jingħataw opinjonijiet esperti jew li tiġi skambjata evidenza forensika;
(b) "riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji" tfisser kwalunkwe riżultat analitiku u interpretazzjoni direttament assoċjata;

huma mogħtija tifsira wiesa', din pero trid dejjem tiġi mifhuma u mfissra fil-parametri tal-iskop u tal-kamp tal-applikazzjoni li għaliha tkun qegħda ssir dik id-Deċiżjoni Kwadru.

35. L-analiżi tas-sustanzi illeċiti ma tinkwadrax ruħha fl-iskop jew fil-kamp tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. F'dan ir-rigward issir referenza għal dak deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża **The Republic of Malta vs. Tiberiu-Mihail Miculescu** deċiża nhar it-22 ta' Settembru 2022 fejn fuq eċċezzjoni li kienet pratikament identika fis-sustanza tagħha, intqal:

> The Court here makes references to the decree in the names **The Republic of Malta vs Izuchukwu Morgan Onuorah** where the following was provided:
>
> 'The first Article of the Council Framework Decision 2009/905 JHA on Accreditation of forensic service providers carrying out laboratory activities dated 30th November 200917 stipulates that:
>
> 'The purpose of this Framework Decision is to ensure that the results of laboratory activities carried out by accredited forensic service providers in one Member State are recognised by the authorities responsible for the prevention, detection and investigation of criminal offences as being equally reliable as the results of laboratory activities carried out by forensic service providers accredited to EN ISO/IEC 17025 within any other Member State.
>
> This purpose is achieved by ensuring that forensic service providers carrying out laboratory activities are accredited by a national accreditation body as complying with EN ISO/IEC 17025.
>
> The Council Framework Decision mentioned above was transposed to Maltese law by means of Subsidiary Legislation 460.31 on the 29th March, 2016. Moreover, Article 2 of the Council Framework Decision and Article 3 of the aforementioned Subsidiary Legislation **both provide that the framework decision shall apply to laboratory activities resulting in DNA-profile and dactyloscopic data, both of which have nothing to do with drugs analysis**.[7] When scientist Emanuel Sinagra testified before this Court on the 24th March, 2021 he confirmed this when asked by the defence why the laboratory was not accredited:
>
>> There is no obligation till to date 2021 jigifieri for the government to accredit any forensic laboratory except for the council decision which states that DNA profiles and dactyloscopic data. The council decision I am referring to in 2009/905/JHA of the 30th November, 2009 which implements and sets out criteria for the government

---

(c) "fornitur ta' servizzi forensiċi" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni, pubblika jew privata, li twettaq attivitajiet forensiċi fil-laboratorju fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi jew dawk ġudizzjarji;

[7] Enfasi ta' din il-Qorti.

> follow this council decision. I have performed a search with the European Union and Malta is in line with this council decision. In fact n 14th May, 2020 the European Union issued a security union to Belgium and Greece who were the only two states from the European Union which had not yet fully transposed and implemented this European Commission decision. However, Malta is in line with this decision, there is no obligation for the Government of laboratory to accredit their laboratory, except for DNA and fingerprints which Malta is line with.'

36. Bl-istess mod, fil-kawża **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-22 ta' Ġunju 2021, intqal hekk:

> 30. Sa fejn jirrigwarda dan l-ilment għalhekk il-Qorti taqbel ma' dak li intqal diġa' minn dawn il-Qrati u cioe' li din il-liġi 'tapplika esklussivament għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss **iżda r-regolament jiddisponi illi dan "l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza**," biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-riżultanzi forseniċi magħmula mill-espert Mario Mifsud għandha issir fit-termini tad-dritt penali fir-rigward.' (ara digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Per Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Numru: 6/2014 Il-Pulizija (Spettur Johann Fenech) -vs Mario Buhagiar tas-26 ta' Ġunju, 2020)'

37. Kif intqal, il-Liġi Sussidjarja 460.31 trid ukoll tinqara fid-dawl ta' dak li jiddisponi d-Deċiżjoni Kwadru. Ir-regolament numru 6 tal-L.S. 460.31 jagħmilha ċara kif id-dispożizzjonijiet tiegħu ma jipprekludux l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli proċedurali li japplikaw f'kamp penali fuq il-valutazzjoni tal-evidenza.

38. F'dan il-każ, id-Difiża qegħda tisħaq li din il-prova hija inammissibbli kemm kwantu għax-xiehda tal-Professur Sinagra kif ukoll kwantu għar-relazzjoni minnu preżentata. Din il-Qorti pero ma taqbilx mal-akkużat li kif inhi l-Liġi illum ir-relazzjoni tax-Xjenzat Emanuel Sinagra hija inammissibbli u dan peress li huwa inammissibbli **<u>biss</u>** dak kollu li l-Liġi stess trid li ma tistax tinġieb bħala prova fil-proċeduri kontra l-ġudikabbli. Din ir-relazzjoni mhix milquta minn din il-projbizzjoni. Dil-Qorti taqbel mal-akkużat li huwa ideali li jkun hemm standards komuni applikabbli wkoll għall-kamp tal-analiżi ta' sustanzi illeċiti kif ukoll li jkun hemm perkors għal akkreditazzjoni anke f'dak il-kamp. Iżda mill-banda l-oħra, kif inhi l-Liġi bħalissa ma jistax jingħad li Dr. Sinagra kien qiegħed jopera b'mod mhux rispettuż tal-Liġi jew jipproduċi analiżi legalment difettuża jew żbaljata minħabba li l-laboratorju li ħadem l-analiżi fih mhux laboratorju akkreditat. L-anqas ma jfisser awtomatikament li r-riżultanzi tiegħu ma kienux bażati fuq kunsiderazzjonijiet metodi xjentifiċi jew li kienu legalment difettużi. Il-proċess t'akkreditazzjoni

huwa tajjeb in kwantu jżid il-livell ta' kunfidenza fir-riżultat grazzi għall-metodoloġija rikjesta nonche l-proċessi ta' verifika misjuba. Iżda ġaladarba l-Liġi fis-seħħ ma tipprovdix obbligu legali għalbiex anke l-qasam tal-analiżi ta' sustanzi illeċiti jsir minn laboratorju akkreditat in bażi għal proċessi akkreditati ma jistax jingħad li Dr. Sinagra kien qiegħed jottjeni riżultati t'analiżi ta' sustanzi illeċiti bi ksur tal-Liġi.

39. Allura l-kwistjoni mhix daqstant jekk ir-relazzjoni u x-xiehda tal-Professur Sinagra humiex inammissibbli bħala prova daqskemm li r-riżultanzi tal-analiżi tas-sustanzi illeċiti magħmula minn Dr. Sinagra f'laboratorju mhux akkreditat joffrux dak il-livell ta' kunfidenza għolja biżżejjed biex il-ġudikant tal-fatt ikun jista' jistrieħ fuqhom meta jiġi biex janalizza l-kontenut ta' dak ir-riżultat b'rabta mal-akkużi miġjuba kontra l-akkużat. Il-kwistjoni għalhekk mhix daqstant dik ta' proċeduri difettużi jew ta' prova inammissibbli daqskemm jekk dik il-prova toffrix rilevanza biżżejjed, hix prova soda biżżejjed, hix attendibbli biżżejjed biex fuqha tkun tista' tissawwar deċiżjoni li minnha tiddependi l-ħtija o meno tal-akkużat.

40. Id-distinzjoni bejn dak li huwa ammissibbli bħala prova u dak li huwa inammissibbli kif ukoll dak li mbagħad jolqot ukoll ir-regola tar-rilevanza ta' dik il-prova hija kwistjoni fundamentali fl-ordinament ġuridiku proċedurali Malti. Fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah**[8] intqal hekk:

> Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli. **Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta' l-evidenza u x'jista' jkun il-kontribut ta' l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta. '**

41. Dan isegwi wkoll sensiela ta' pronunzjament preċedenti dwar din l-istess tematika. Allura, fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Anthony Abdilla et**, deċiż fid-9 ta' Mejju 2013 intqal li:

[8] Deċiż fis-26 ta' April 2001.

12. Issa, kif din il-Qorti kellha okkażjoni li tfisser diversi drabi, l-ammissibilita` ta’ xhud hi essenzjalment ħaġa differenti mir-relevanza tal-prova li wieħed ikun irid jagħmel permezz ta’ dak ix-xhud. Nonostante cio` għadhom jitressqu eċċezzjonijiet li jinjoraw din iddifferenza.

Sejrin għalhekk jerġgħu jiġu ribaditi il-prinċipji li għandhom jirregolaw il-materja u li ġew elenkati ferm tajjeb fis-sentenza mogħtija fis-27 ta’ Novembru 1990 minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta v. Edwin Cioffi. Dawn il-prinċipji huma s-segwenti:

“(a) In generali inghad illi l-kuncett ta’ ammissibilita` riferibbilment ghall-mezz ta’ prova ghall-finijiet talartikolu 438 tal-Kodici Kriminali proprjament jitqies bhala riferibbli ghal ‘le condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio’ (Koll. Vol. XIX. IV.9) jew ghal ‘le condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso’ (Koll.Vol. XXVII.IV.595), bhala distint missemplici rilevanza ‘ut sic’. Din id-distinzjoni giet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal-4 ta’ Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien inghad:
“‘Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall’accusa o dalla difesa, nel contrasto sull’ammissibilita` o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione e` veramente una di ammissibilita` del mezzo di prova....nel secondo caso la quistione` ' propriamente quella di rilevanza della prova.....’
“(b) Din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta’ Mejju, 1977 in re IR-REPUBBLIKA TA' MALTA - VS – CECIL PACE U HENRY ALBERT PACE a propozitu ta’ din iddistinzjoni osservat:
“‘Kif inghad ukoll minn din il-Qorti f’Repubblika vs Joseph Gauci, supra, din tidher distinzjoni tradizzjonali fis-sistema probatorju taghna u f’dan iddawl forsi jista’ jkun ukoll xi ftit sinjifikanti li l-kelma ‘relevancy’ hi kontrapposta ghall-‘admissibility’ anke fl-artikolu 610(4) tal-Kodici ta’ Procedura Civili. Fil-fatt fid-decizjonijiet pubblikati d-distinzjoni tirrizulta essenzjalment marbuta mad-divizjoni tal-kompetenza bejn il-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta (kif kienet sal-1967 ghall-finijiet tal-eccezzjoni dwar lammissibilita` tal-provi) u l-Imhallef tal-meritu; illum ilposizzjoni hi li l-Imhallef tal-meritu jiddeciedi hu ukoll din l-eccezzjoni salv l-appell lil din il-Qorti izda peraltro jidher li l-posizzjoni baqghet sostanzjalment l-istess. L-istess Qorti ziedet tghid: ‘...proprjament ilkwistjoni issa tirrisolvi ruhha f’wahda ta’ appellabilita` o meno. Infatti fis-sentenzi anterjuri li ghalihom gia saret riferenza kien intqal li kwistjoni simili hi ta’ kompetenza tal-Qorti tal-meritu (Koll.Vol.XXVII.IV.597) u li ‘la decisione sulla rilevanza o meno appartiene esclusivamente a tale Corte’ billi l-Qorti Kolleggjali ‘e` chiamata a decidere soltanto della ammissibilita` o meno (fis-sens propriu gia fuq imsemmi) di prove, ma non della loro rilevanza’ (Koll Vol. XXI.IV.15, a pag.16).’
“c) Fl-istess sentenza din il-Qorti kienet ziedet illi:

"'Tassew li xi drabi jista' jaghti l-kaz li l-kwistjoni ta' rilevanza tmur aktar il-boghod u tipprezenta ruhha marbuta ma' dik tal-ammissibilita` fis-sens proprju hawn fuq imsemmi in kwantu li per ezempju tincidi fuq principji ohra, bhallikieku fil-kaz ta' xhieda tendenti li jippruvaw il-kummissjoni da parti talakkuzat ta' atti kriminali (jew komunkwe 'wrongful') differenti minn dawk koperti mill-att ta' akkuza (ara sentenzi ta' din il-Qorti Regina vs Paul Azzopardi, supra, u Repubblika vs Carmel Mangion et, 11 ta' Dicembru, 1975)' izda spjegat illi meta pero` si tratta ta' kwistjoni ta' mera rilevanza 'ut sic', din hija tradizzjonalment imhollija ghall-apprezzament tal-Imhallef tal-meritu fil-kompetenza tieghu.

"(d) Hija skorretta ukoll is-sottomissjoni li l-Avukat Generali rega' tenna f'dan l-appell u cioe` illi l-fatt illi qabel ma jwiegeb ghall-mistoqsija jekk ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra l-ammissibilita` tal-provi dikjarati mill-akkuzat jista' jitlob li dan jiddikjara loggett tal-prova u vice versa huwa intiz sabiex il-Qorti, skond jekk tkunx jew le soddisfatta mirrilevanza tal-prova rikjesta mix-xhieda dikjarati, tkun tista' tiddeciedi liema minn dawn ix-xhieda huma ammissibbli u liema mhumiex. Din il-Qorti fissentenza taghha citata in re PACE, supra, spjegat kif din is-sottomissjoni, 'ghalkemm ingenjuza, mhijiex korretta' u li l-fatt li d-domanda dwar l-oggett tal-prova issir fl-istadju li ssir ma jbiddilx dak li gja` inghad dwar id-differenza bejn il-kuncett ta' ammissibilita` u dak ta' rilevanza u li kwistjoni ta' mera rilevanza ta' provi hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu salv li, f'kaz partikolari u in vista ta' dak li fuq inghad, din il-Qorti tara, nonostanti t-termini uzati, jekk il-kwistjoni kinitx verament wahda ta' mera rilevanza fis-sens li inghad jew inkella le. Il-konsegwenza legali tkun li jekk si tratta ta' decizjoni merament fuq rilevanza ma hemmx appell mentri jekk si tratta ta' decizjoni fuq ammissibilita` ta' prova din tkun appellabbli quddiem din il-Qorti.

"(e) Kif gie diversi drabi deciz, anki fis-sentenza appena citata, id-decizjoni dwar ir-rilevanza il-Qorti Kriminali ma tohodhiex u m'ghandiex tohodha in forza tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali izda bissahha tal-artikolu 520(2) tal-istess Kodici li jimponi fuq il-Qorti id-dover li 'inter alia' ma thallix li jsir filprovi dak li 'ma jkunx rilevanti jew ma jkollux x'jaqsam max-xorta tal-kawza'.

"(f) Jigifieri qed jigi ribadit li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini talartikolu 438 tal-Kodici Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bhala kontrapposta ghar-rilevanza ta' listess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tigi regolata jew addirittura eskluza bhala irrilevanti fl-istadju tassmiegh tal-provi, l-istess m'ghandiex tigi preventivament u prijoristikament eskluza jekk tista' tirrizulta rilevanti ghal 'facts in issue'. Dana, din il-Qorti hasset il-bzonn li tirribadih peress li, kif inghad, spiss qed jigri li flok ma l-kuncetti ta' ammissibilita` u ta' rilevanza jinzammu distinti dak tar-rilevanza qed jigi ekwiparat ghal dak ta' ammissibilita` u provi qed jigu eskluzi bhala irrilevanti qabel ma biss jkunu instemghu u qabel ma l-istess Qorti ta' meritu tkun verament fil-posizzjoni li tivvaluta sewwa x'ikunu l-'facts in issue'. Dan hu ezattament dak li gara fissentenza appellata billi l-ewwel Onorabbili Qorti halltet flimkien iz-zewg kuncetti indiskriminatament b'mod li ddecidiet l-ammissibilita` fuq kriterji legali zbaljati."

42. Ukoll, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Mario Buhagiar**, fuq talba tal-akkużat, saret talba ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-lanjanza tal-akkużat – bħal fil-każ preżenti - kienet titratta fost oħrajn, ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu minħabba li l-analiżi tas-sustanza illeċita misjuba fil-pussess tiegħu ma kinitx saret minn espert nominat mill-Qorti ġewwa laboratorju li għandu l-akkreditazzjoni u dan kien leżiv għad-drittijiet tiegħu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma laqgħetx it-talba tiegħu f'dan is-sens u kkunsidrat tali talba bħala vessatorja in kwantu kienet nieqsa minn sisien legali:

> Illi fuq kollox il-ligi li l-appellant jaghmel referenza ghaliha fir-rikors tieghu tapplika esklussivament ghall-attivitajiet tal-laboratorji li jirrizultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analizi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss izda ir-regolament 6 jiddisponi illi dan "l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza," biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-rizultanzi forsenici maghmula mill-espert Mario Mifsud ghandha issir fit-termini tal-dritt penali fir-rigward.

43. Issa, b'applikazzjoni tas-suespost, din il-Qorti tirrileva li skont ma jirriżulta mill-atti proċesswali dawn il-proċeduri ilhom għaddejjin sa mit-3 ta' Ottubru 2018 u l-analiżi tas-sustanzi illeċiti mill-espert forensiku il-Professur Emanuel Sinagra saru fit-30 ta' Ottubru 2018. Qatt qabel l-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari ma tqajjem dubju mid-Difiża tal-akkużat dwar l-kwalifiċi tal-espert nominat mill-Maġistrat Inkwirenti jew dwar il-ħiliet tiegħu u wisq anqas qatt ma ġew ikkontestati r-riżultanzi tar-rapport tiegħu. Dan allavolja l-Leġislazzjoni Sussidjarja li l-akkużat jagħmel referenza għaliha kienet diġa daħlet fis-seħħ fil-Liġi meta nbdew il-proċeduri kontra l-akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

44. In oltre, din il-Qorti żżid tgħid li sal-ġurnata ta' din is-sentenza ma jirriżultax li hemm obbligu fuq Malta sabiex it-testijiet fuq sustanzi illeċiti jsiru ġewwa laboratorji akkreditati skont id-Deċiżjoni Kwadru b'hekk ikun ifisser li tali testijiet u konklużjonijiet ma jistgħux jiġu meqjusa bħala difettużi.

45. **Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti sejra tiċħad is-sitt u l-aħħar eċċezzjoni preliminari.**

**Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiddeċiedi bil-mod segwenti:**

1. **L-ewwel eċċezzjoni preliminari qiegħda tiġi miċħuda.**
2. **It-tieni, tielet u r-raba' eċċezzjonijiet ġew trattati flimkien u qegħdin jiġu miċħuda kollha kemm huma.**
3. **Il-ħames eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.**
4. **Is-sitt u l-aħħar eċċezzjoni preliminari qegħda wkoll tiġi miċħuda.**

**Il-kawża qed tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le.**

**Sadattant l-akkużat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**